

Brussell, 16 ta' Frar 2023
(OR. en)

6409/23

SOC 105
EMPL 66

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar membru tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Libertà ta' Moviment għall-Ħaddiema għall-Estonja

1. Il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Libertà ta' Moviment għall-Ħaddiema bid-Deċiżjonijiet tiegħu tal-20 ta' Settembru¹ u l-25 ta' Ottubru 2022². Madankollu, ċerti membri u membri supplenti kien għad jonqoshom jinħatru aktar tard.
2. Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni³, u b'mod partikolari l-Artikoli 23 u 24 tiegħu, il-membri u l-membri supplenti huma maħtura mill-Kunsill għal perjodu ta' sentejn.

¹ Deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Settembru 2022 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema (ĠU C 393, 13.10.2022, p. 5).

² Deċiżjoni tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2022 li taħtar membri u membri supplenti fil-Kumitat Konsultattiv dwar il-Libertà ta' Moviment għall-Ħaddiema għad-Danimarka, il-Ġermanja, il-Greċja, il-Kroazja, l-Italja, Ċipru, il-Lussemburgu, Malta u l-Portugall (ĠU C 481, 19.12.2022, p. 1).

³ ĠU L 141, 27.5.2011, p. 1.

3. Is-Segretarjat tal-Kunsill irċieva nomina ta' membru għall-Estonja, tal-Kumitat Konsultattiv imġedded, kif tinsab fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fid-dokument 6408/23⁴.
4. Għalhekk, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' jissuġġerixxi li l-Kunsill:
 - (a) jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar membru tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Libertà ta' Moviment għall-Ħaddiema għall-Estonja, bħala punt "A", u
 - (b) jiddeċiedi li d-Deċiżjoni tiġi ppubblikata, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁴ It-test qed jiġi ffinalizzat mill-ġuristi lingwisti.